# L-Indikaturi Industrijali Bikrin: K3/2026

NR 215/2026 | L-Istatistika Bikrija tan-Negozju | Data tal-Ħruġ: **24/11/2026** | Data tal-Għeluq: 06/11/2026

AQSAM



Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija



## Il-Punti ewlenin

- Meta mqabbel mat-tielet kwart tal-2025, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied b'9.5 fil-mija.
- L-akbar żieda kienet irreġistrata fl-enerġija (13.9 fil-mija).
- Meta mqabblin mal-istess kwart tal-2025, l-għadd ta' impjiegi industrijali, is-sigħat maħduma, u l-pagi u s-salarji gross telgħu bi 2.2 fil-mija, bi 2.7 fil-mija u b'6.2 fil-mija, rispettivament.
- Il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun tela' bi 3.4 fil-mija, bl-akbar żieda seħħet fl-oġġetti tal-konsum (7.5 fil-mija) meta mqabbel mat-tieni kwart tal-2026.

## Il-Kummentarju

*Matul it-tielet kwart tal-2026, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied bi 3.4 fil-mija fuq it-tieni kwart tal-2026. Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2025, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol tela' b'9.5 fil-mija.*

**Tqabbil mat-tliet xhur ta' qabel**

Fit-tielet kwart tal-2026, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun tela' bi 3.4 fil-mija meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel. Kienu rreġistrati żidiet fl-oġġetti tal-konsum (7.5 fil-mija) u fl-enerġija (7.4 fil-mija). Min-naħa l-oħra, il-fatturat naqas fl-oġġetti kapitali (4.5 fil-mija) u fl-oġġetti intermedji (3.7 fil-mija) (Tabella nru 1).

Meta mqabblin mat-tieni kwart tal-2026, l-impjiegi industrijali aġġustati għall-effetti tal-istaġun (Tabella nru 3) u s-sigħat maħduma (Tabella nru 5) żdiedu b'1.0 fil-mija u b'0.3 fil-mija, rispettivament. Madankollu, il-pagi u s-salarji gross irreġistraw tnaqqis ta' 0.7 fil-mija (Tabella nru 7).

**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2025, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied b'9.5 fil-mija. L-akbar żieda kienet irreġistrata fl-enerġija (13.9 fil-mija). Wara din, kien hemm l-oġġetti intermedji (13.1 fil-mija) u l-oġġetti tal-konsum (8.5 fil-mija). Għall-kuntrarju ta' dawn, l-oġġetti kapitali naqsu b'0.1 fil-mija (Tabella nru 2).

Meta mqabbel mat-tielet kwart tal-2025, kien hemm żieda ta' 2.2 fil-mija fl-għadd ta' impjiegi industrijali li ma kienx aġġustat (Tabella nru 4). Wara l-aġġustar bil-jiem tax-xogħol, is-sigħat maħduma fl-industrija żdiedu bi 2.7 fil-mija (Tabella nru 6), filwaqt li l-pagi u s-salarji gross telgħu b'6.2 fil-mija (Tabella nru 8).

**Ċart nru 1. It-tibdil fil-fatturat industrijali annwali aġġustat bil-jiem tax-xogħol**

*(differenza fil-persentaġġ meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel)*




L-Istatistika Bikrija tan-Negozju

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Indikaturi Bikrin tas-Servizzi: K3/2026

L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Settembru 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Settembru 2026

L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Awwissu 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Awwissu 2026

Temi Oħra Relatati

Ir-Reġistru tal-Istatistika tan-Negozju

L-Istatistika Strutturali tan-Negozju

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

stbs.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula